**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 252**
**L-Erbgħa, 26 ta' Ġunju, 2024 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**17976. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll tipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Aġenzija Sapport tħallas għal pakketti li jinkludu slots edukattivi (intervisti) fuq stazzjonijiet televiżivi kif ukoll riklamar bħala parti mill-istess pakkett. Parti minn din l-informazzjoni ġiet imwieġba fil-mistoqsija parlamentari 16466.
Dawn il-pakketti jitħallsu kif ġej:

| **Programm** | **Stazzjon** | **Prezz** |
|---|---|---|
| Dak li Jgħodd | One TV | €2,730 + VAT (għal 5 podcasts and 78 pop-up banners bejn Ottubru 2023 – Ġunju 2024) |
| Ġimgħa b'Ġimgħa | Net TV | €2,500 + VAT (għal 20 slot edukattiv u 20 riklam ta' 30-sec bejn Ottubru 2023 – Ġunju 2024) |
| Niskata | TVM | €3,000 + VAT (għal 19 slot edukattiv u 117 riklam ta' 15-sec bejn Ottubru 2023 – Ġunju 2024) |

Ninfurmah ukoll li ma kienx hemm infieq ta' flus f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet l-oħra li jaqgħu taħt l-istess Ministeru.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**17977. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**17978. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed npoġġiha fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**17979. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**17980. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll tipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**17981. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
It-tweġiba turi n-nefqa minn Jannar 2024 'l hemm.

Seduta 252
26/06/2024

**IL-MOSTA - ĠNIEN L-GĦARUSA - COLD WAR SHELTER - RINNOVAZZJONI**

**19194. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi pjan għal rinnovazzjoni tal-Cold War Shelter ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta?

09/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Mosta li fil-preżent għad m'hemmx pjan għal rinovazzjoni tal-Cold War Shelter ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

Seduta 252
26/06/2024

**IL-MOSTA - PERMESS GĦAL ATTIVITÀ FIL-PJAZZA**

**19195. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti r-raġuni għaliex nhar il-Ħadd 5 ta' Mejju 2024, il-grupp li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament inżamm mill-awtoritajiet milli juża Pjazza Rotunda, fil-Mosta, li fi tmiem il-ġimgħa tkun pedonali, u kien imġiegħel imur fi Pjazza 16 ta' Settembru?

09/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-Pulizija ma rċevietx u ma proċessatx l-ebda talba biex tiġi organiżżata xi attivita' mill-grupp li d-dettalji dwaru ngħataw separatament, f'xi pjazza minn dawk imsemmija fl-istess mistoqsija.

Seduta 252
26/06/2024

**KAŻ TA' INDIVIDWU - INGAĠĠ JEW IMPJIEG**

**19202. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji tagħha qed jintbagħtu separatament għandhiex xi forma ta' ingaġġ jew impjieg full-time jew part-time jew nomini fuq bordijiet ta' entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-pakkett finanzjarju għal kull rwol li jista' jkollu?

09/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-individwu msemmi jinsab membru fil-board tal-Authority for Integrity in Maltese Sport. Remunerazzjoni tal-individwu hi ta' €3,741.04 fis-sena.

Seduta 252
26/06/2024

**L-IMTARFA - ĊENTRU GĦAL PERSUNI BID-DIMENSJA - SERVIZZ TA' TRASPORT GĦALL-ANZJANI**

**19203. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex ippjanat li jsir servizz ta' trasport għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru għal Persuni bid-Dimensja, fl-Imtarfa?

09/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa qed jiġi pproċessat tender għall-provvista ta' trasport għaċ-ċentru tad-dimensja tal-Imtarfa.

Seduta 252
26/06/2024

**DEPUTAT AVUKAT ĠENERALI**

**19250. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min hu d-Deputat Avukat Ġenerali u meta nħatar? Jekk m'hemmx, jista' jgħid minn meta l-kariga ilha battala?

09/05/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant din l-kariga ilha battala min Jannar ta' din is-sena.

Seduta 252
26/06/2024

**IL-GŻIRA - TRIQ SAN ALBERT - XOGĦOL TA' CABLES TAD-DAWL**

**19263. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta se titkompla u titlesta Triq San Albert, fil-Gżira peress li x-xogħol ta' cables tad-dawl ġodda ilu wieqaf xhur b'inkonvenjenza għar-residenti tat-triq?

10/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li mhux korrett li x-xogħol li qed issir referenza għalih kien "ilu wieqaf xhur", u ninforma lill-Onor. Interpellant li dan tlesta u anke sar l-asfalt skont ir-rekwiżiti tal-permess maħruġ minn Transport Malta.

Seduta 252
26/06/2024

**L-IMSIDA - TRIQ TA' XMIEXI - XOGĦLIJIET**

**19605. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq Ta' Xmiexi, l-Imsida u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett Triq ta' Xmiexi, Msida huwa parti mill-pjan tal-Gvern biex jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Din it-triq partikolari tlestiet f'Awwissu 2023 u swiet €392,607.78 excl VAT.

Seduta 252
26/06/2024

**L-IMSIDA - TRIQ L-IRMIĠĠ, TRIQ TAL-GĦERIEBEL, SQAQ DUN ANDRè, TRIQ IL-KAROZZIN, TRIQ CLARENCE - XOGĦLIJIET**

**19606. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq parti minn Triq l-Irmiġġ, Triq tal-Għeriebel, Sqaq Dun Andrè, parti minn Triq il-Karozzin, Triq Clarence, l-Imsida u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett Triq l-Irmiġġ, Triq tal-Għeriebel, Sqaq Dun Andrè, Triq il-Karozzin, Triq Clarence, Msida huwa parti mill-pjan tal-Gvern biex jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Din it-triq partikolari tlestiet f'Mejju 2023 u sewa €287,032.43 excl. VAT.

Seduta 252
26/06/2024

**IN-NAXXAR - TRIQ L-EMIGRANTI - XOGĦLIJIET**

**19607. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq l-Emigranti, in-Naxxar u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett Triq l-Emigranti, Naxxar huwa parti mill-pjan tal-Gvern biex jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Din it-triq partikolari tlestiet f'Mejju 2023 u sewa €384,509,93 excl. VAT.

Seduta 252
26/06/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ BRITANNJA - XOGĦLIJIET**

**19608. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq Britannja, Raħal Ġdid u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett Triq Britannja, Paola huwa parti mill-pjan tal-Gvern biex jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Din it-triq partikolari tlestiet f'Settembru 2023 u sewa €395,818.54 excl. VAT.

Seduta 252
26/06/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ IS-SULTANA - XOGĦLIJIET**

**19609. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq is-Sultana, Raħal Ġdid u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett Triq is-Sultana, Paola huwa parti mill-pjan tal-Gvern biex jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Din it-triq partikolari tlestiet f' Novembru 2023. Fil-preżent, l-ammont tal-kont finali għadu qed jiġi pproċessat.

Seduta 252
26/06/2024

**PEMBROKE - TRIQ IL-BATTALJA TA' MALTA, TRIQ JUNO, TRIQ TUNIS, TRIQ L-IMĦALLEF WILLIAM HARDING, TRIQ A. CINI - XOGĦLIJIET**

**19610. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq il-Battalja ta' Malta, parti minn Triq Juno, Triq Tunis, parti minn Triq l-Imħallef William Harding, Triq A. Cini, Pembroke u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l- Triq il-Battalja ta' Malta, Triq Juno, Triq Tunis, Triq l-Imħallef William Harding, Triq A. Cini, Pembroke huwa parti mill-pjan tal-Gvern biex jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Triq il-Battalja ta' Malta, Triq Juno, Triq Tunis u Triq l-Imħallef William Harding twettqet f'Lulju 2023 filwaqt li Triq A. Cini tlestiet f'Marzu 2023. Dawn ix-xogħlijiet swew €310,963.81.

Seduta 252
26/06/2024

**CHILD SAFETY SERVICES – KAŻIJIET RIFERUTI**

**19711. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet referuti liċ-Child Safety Services (CSS) mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari maqsuma għal kull sena?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 252
26/06/2024

**CHILD SAFETY SERVICES – RAPPORTI**

**19712. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'mod kwantitattiv, jista' l-Ministru jippreżenta tabella tar-raġunijiet għalfejn iddaħħlu rapporti liċ-Child Safety Services (CSS) fis-sena 2023?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li r-raġunijiet kienu; fiżiċi, emozzjonali, traskuraġni u/jew sesswali.

Seduta 252
26/06/2024

**CHILD SAFETY SERVICES – KAŻIJIET RIFERUTI**

**19713. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-każijiet tar-rapporti li ddaħħlu liċ-Child Safety Services (CSS) fis-sena 2023 ġew riferuti lid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Minuri?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li minn 1,120 każ li ġie riferut liċ-CSS, 195 każ ġie riferut liċ-CPS.

Seduta 252
26/06/2024

**CHILD SAFETY SERVICES**

**19714. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-proċedura li tirregola s-servizz taċ-Child Safety Services u meta ġiet riveduta l-aħħar darba?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li hemm MoU li sar fl-2017 bejn CSS u CPS sabiex ix-xogħol jitqassam bejn iż-żewġ partijiet.

Seduta 252
26/06/2024

**CHILD SAFETY SERVICES**

**19715. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar proċedura taċ-Child Safety Services (CSS)?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li d-dokument qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - CHILD SAFETY SERVICES - SERVIZZ KONTRA L-IBBULJAR**

**19716. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ilu li twaqqaf is-Servizz kontra l-Ibbuljar fi ħdan il-Ministeru tiegħu?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li dan is-servizz kontra l-Ibbuljar beda fl-1999.

Seduta 252
26/06/2024

**WIED IL-GĦAJN - IN-WORK BENEFIT U BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**19775. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mill-In-Work Benefit f'Wied il-Għajn u kemm irċevew komplessivament f'benefiċċji soċjali?

05/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2023 kien hemm 897 benefiċċjarju tal-In Work Benefit residenti f'Wied il-Għajn. Flimkien mal-In Work Benefit, il-benefiċċjarji komplessivament rċevew dawn il-benefiċċji/allowances/pensjonijiet kif indikat fi tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 252
26/06/2024

**WIED IL-GĦAJN - SUSSIDJI FUQ KIRJIET LI SARU QABEL L-1995 U WARA**

**19776. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni residenti Wied il-Għajn li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru qabel l-1995 u wara u jgħid kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm persuni li rrikorrew għall-assistenza wara li ġew żgumbrati jew li qegħdin f'dan il-proċess?

05/06/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma l-Onor. Interpellant li fis-sena 2023, f'Wied il-Għajn kien hemm 216 benefiċjarju li bbenefikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru wara l-1995, bi spejjeż totali ta' €802,333.80, filwaqt li ma kien hemm l-ebda każ ta' żgumbrament jew ta' persuni li rrikorrew għall-assistenza minħabba żgumbrament.

Seduta 252
26/06/2024

**ĦAL GĦAXAQ - IN-WORK BENEFIT U BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**19777. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mill-In-Work Benefit f'Ħal Għaxaq u kemm irċevew komplessivament f'benefiċċji soċjali?

05/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi matul is-sena 2023 kien hemm 402 benefiċċjarju tal-In Work Benefit residenti f'Ħal Għaxaq. Flimkien mal-In Work Benefit, il-benefiċċjarji komplessivament rċevew dawn il- benefiċċji/allowances/pensjonijiet kif indikat fi tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 252
26/06/2024

**ĦAL GĦAXAQ - SUSSIDJI FUQ KIRJIET LI SARU QABEL L-1995 U WARA**

**19778. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni residenti Ħal Għaxaq li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru qabel l-1995 u wara u jgħid kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm persuni li rrikorrew għall-assistenza wara li ġew żgumbrati jew li qegħdin f'dan il-proċess?

05/06/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma l-Onor. Interpellant li fis-sena 2023, f'Ħal Għaxaq kien hemm 23 benefiċjarju li bbenefikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru qabel l-1995 bi spejjeż totali ta' €87,681.23 u 47 benefiċjarju li bbenefikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru wara l-1995 bi spejjeż totali ta' €175,533.15, filwaqt li ma kien hemm l-ebda każ ta' żgumbrament jew ta' persuni li rrikorrew għall-assistenza minħabba żgumbrament.

Seduta 252
26/06/2024

**MARSAXLOKK - IN-WORK BENEFIT U BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**19779. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mill-In-Work Benefit f'Marsaxlokk u kemm irċevew komplessivament f'benefiċċji soċjali?

05/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2023 kien hemm 218 -il benefiċċjarju tal-In Work Benefit residenti Marsaxlokk. Flimkien mal-In Work Benefit, il-benefiċċjarji komplessivament rċevew dawn il- benefiċċji/allowances/ pensjonijiet kif indikat fi tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 252
26/06/2024

**MARSAXLOKK - SUSSIDJI FUQ KIRJIET LI SARU QABEL L-1995 U WARA**

**19780. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni residenti Marsaxlokk li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru qabel l-1995 u wara u jgħid kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm persuni li rrikorrew għall-assistenza wara li ġew żgumbrati jew li qegħdin f'dan il-proċess?

05/06/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma l-Onor. Interpellant li fis-sena 2023, f'Marsaxlokk kien hemm 2 benefiċjarji li bbenefikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru qabel l-1995 bi spejjeż totali ta' €5,474.70 u 8 benefiċjarji li bbenefikaw mis-sussidju fuq kirjiet li saru wara l-1995 bi spejjeż totali ta' €31,708.04, filwaqt li kien hemm każ wieħed ta' żgumbrament.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - PRESS CONFERENCES**

**19837. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru press conferences mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ, jista' jgħid ukoll:

(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa din il-press conference;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, biex tingħabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - PRESS CONFERENCES**

**19838. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru press conferences mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ, jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa din il-press conference;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - PRESS CONFERENCES**

**19839. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru press conferences mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ, jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa din il-press conference;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant li sabiex tingħabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - PRESS CONFERENCES**

**19840. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru press conferences mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ, jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa din il-press conference;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li biex tingħabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - PRESS CONFERENCES**

**19841. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm saru press conferences mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tagħha minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ, tista' tgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa din il-press conference;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li biex tingabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - PRESS CONFERENCES**

**19842. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru press conferences mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ, jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa din il-press conference;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tingħata l-informazzjoni kif mitluba, se jinqabeż l-advisory cost.

Seduta 252
26/06/2024

**WIED IL-BUNI - PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI**

**20031. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett imwiegħed għar-riġenerazzjoni ta' Wied il-Buni?

17/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett qiegħed fi stadju tal-evalwazzjoni tat-tender.

Seduta 252
26/06/2024

**TRASPORT BEJN MALTA U GĦAWDEX - PUBLIC SERVICE AGREEMENT**

**20032. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid f'liema xahar u sena hu maħsub li tiġi ppubblikata s-sejħa għall-Public Service Agreement għat-trasport ta' passiġġieri, karozzi u merkanzija bejn Malta u Għawdex, peress li dan il-ftehim issa ilu bosta snin li skada?

17/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 252
26/06/2024

**GĦAWDEX – NEFQA FUQ XOGĦLIJIET FL-ISKEJJEL**

**20033. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: In vista ta' fuljett li kien intbagħat fid-djar kollha ta' Għawdex dwar xogħol ippjanat fi skejjel f'Għawdex, jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari:
a. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja ta' Kerċem;
b. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja taż-Żebbuġ;
ċ. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja tal-Għarb u
d. fuq it-tisbiħ ta' diversi faċċati ta' diversi skejjel f'Għawdex,
u f'kull każ, jagħti data meta se jkun lest ix-xogħol?

17/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fuq l-iskejjel - li saret referenza għalihom fid-domanda - jinsabu għaddejjin. Rigward l-iskola Primarja ta' Kerċem, qiegħed jitħejja l-abbozz tas-sejħa pubblika għall-offerti, b'investiment kapitali li jlaħħaq Eur 2.8 miljun. Ix-xogħol huwa maħsub li jsir matul din il-leġiżlatura. Min-naħa l-oħra, is-sejħa pubblika għall-offerti tal-iskola Primarja taż-Żebbuġ, se ssir fil-ġimgħat li ġejjin. Hawnhekk, l-investiment kapitali jlaħħaq Eur 3.5 miljun u x-xogħol huwa maħsub li jkun lest matul is-sena skolastika 2024-2025. Qed jitħejja wkoll l-abbozz tas-sejħa pubblika għall-offeri tal-iskola Primarja tal-Għarb, b'investiment kapitali li jammonta għal Eur 3.2 miljun. Ix-xogħol huwa maħsub li jsir matul din il-leġiżlatura. Fl-istess waqt, f'għadd ta' faċċati ta' diversi skejjel f'Għawdex sar xogħol ta' estensjoni, tisbieħ u rinovazzjoni. Fost dawn hemm l-iskola Primarja Nadur u l-iskola Medja fir-Rabat. Dan filwaqt li x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-iskola primarja l-ġdida fir-Rabat qiegħed fi stadju avvanzat ħafna.

Seduta 252
26/06/2024

**GĦAWDEX – PROĠETTI TAĦT IL-PROGRAMM 'CONNECTING EUROPE FACILITY OF THE EUROPEAN UNION'**

**20034. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-proġetti f'Għawdex li l-Ministeru għal Għawdex applika għalihom s'issa u liema minnhom ġew aċċettati u liema ma ġewx aċċettati biex isiru mill-programm 'Connecting Europe Facility of the European Union' (Perjodu 2021-2027), peress li dawn jagħlqu din is-sena (2024)? Jista' jgħid ukoll kemm ingħataw flus s'issa u kemm se jingħataw flus minn dan il-fond lill-Ministeru għal Għawdex għal dawn il-proġetti?

17/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li waqt li nirreferih għall-informazzjoni li ngħatat fil-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18699, il-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar se jibqa' viġilanti għal kull applikazzjoni li toħroġ sa meta jagħlaq dan il-programm fis-sena 2027.

Seduta 252
26/06/2024

**GĦAWDEX - IX-XEWKIJA, IR-RABAT U MARSALFORN – TENDERS DWAR CABLES TAD-DAWL**

**20035. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13613 dwar xogħlijiet ta’ cables tad-dawl li baqgħu mwaħħlin mal-faċċati tad-djar u bini ieħor fil-Pjazza tax-Xewkija, Pjazza San Franġisk fir-Rabat, u l-waterfront ta’ Marsalforn, fejn kien intqal li "ma rċivejna l-ebda sottomissjoni għal din it-tender", jista’ l-Ministru jgħid jekk it-tender reġgħetx ħarġet mill-ġdid u jekk iva, meta nħarġet u meta se jibdew ix-xogħlijiet?

17/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tender li qed issir referenza għalih ma reġax ħareġ.

Seduta 252
26/06/2024

**GĦAWDEX - XOGĦOL TA’ BACK OFFICE TAS-SERVIZZ PUBBLIKU**

**20036. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid:
i. liema xogħol ta' back office tas-servizz pubbliku ġdid inġab f'Għawdex matul is-sena 2024;
ii. kemm hemm ħaddiema jaħdmu f'dan ix-xogħol ġdid ta' back office f'Għawdex u minn fejn qed joperaw;
iii. kemm minn dawn il-ħaddiema kienu jaħdmu f'Malta sa meta nġab dan ix-xogħol f'Għawdex u issa, per konsegwenza ta' dan ix-xogħol, bdew jaħdmu f'Għawdex;
iv. x’inhu l-grad ta' dawn il-ħaddiema; u
v. minn fejn qed isir dan ix-xogħol ta' back office ġdid f'Għawdex?

17/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-Ministeru jkun f’diskussjonijiet regolari ma’ diversi Ministeri u entitajiet sabiex kull fejn jistgħu jġibu xogħol ġdid jew ikabbru l-operat tagħhom f’Għawdex.

Seduta 252
26/06/2024

**KAŻ TA’ KUMPANIJA**

**20059. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista’ l-Ministru jgħid, skont l-informazzjoni li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, jekk il-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament għandhiex klijenti oħra apparti l-Qrati ta’ Malta?

17/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma jkollhiex l-informazzjoni li ġiet mitluba fil-mistoqsija.

Seduta 252
26/06/2024

**KAŻ TA’ INDIVIDWU**

**20060. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista’ l-Ministru jgħid, skont l-informazzjoni li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament għandhiex klijenti oħra apparti l-Qrati ta’ Malta?

17/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma jkollhiex l-informazzjoni li ġiet mitluba fil-mistoqsija.

Seduta 252
26/06/2024

**KAŻIJIET TA' INDIVIDWI U/JEW IL-KUMPANIJI TAGĦHOM**

**20061. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid, skont l-informazzjoni li għandu għad-diżpożizzjoni tiegħu, jekk l-individwi u/jew il-kumpaniji tagħhom li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, għandhomx klijenti oħra apparti l-Qrati ta' Malta?

17/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma jkollhiex l-informazzjoni li ġiet mitluba fil-mistoqsija.

Seduta 252
26/06/2024

**PROĊESS TA' DUE DILIGENCE**

**20062. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx proċess ta' due diligence u KYC fuq il-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, qabel intgħażlet biex twettaq xogħol fil-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta?

17/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-nomina tal-esperti ssir abbażi tal-artikolu 650 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Seduta 252
26/06/2024

**PROĊESS TA' DUE DILIGENCE**

**20063. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx proċess ta' due diligence u KYC fuq il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, u/jew il-kumpanija tagħha, qabel intgħażlet biex twettaq xogħol fil-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta?

17/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-nomina tal-esperti ssir abbażi tal-artikolu 650 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Seduta 252
26/06/2024

**PROĊESS TA' DUE DILIGENCE**

**20064. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx proċess ta' due diligence u KYC fuq l-individwi u l-kumpaniji tagħhom li d-dettalji tagħhom qed jingħataw separatament qabel intgħażlu biex iwettqu xogħol fil-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta?

17/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-nomina tal-esperti ssir abbażi tal-artikolu 650 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20106. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħataw lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

18/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20107. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

18/06/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20108. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

18/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20109. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

18/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qed tingabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20110. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

18/06/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20111. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

18/06/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 252
26/06/2024

**GĦAWDEX – SPTAR ĠDID – TIME FRAMES**

**20151. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma t-time frames għall-bini tal-Isptar ġdid ta' Għawdex?

19/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-time frame biex il-proġett kollu jkun lest hu ta' bejn 5 u 7 snin, jiddependi jekk ikunx hemm dewmien fil-proċessar u fl-appelli tat-tenders.

Seduta 252
26/06/2024

**GĦAWDEX – SPTAR ĠDID – XOGĦLIJIET**

**20152. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda x-xogħol u meta qed ikun ikkunsidrat li jitlesta l-Isptar ġdid ta' Għawdex?

19/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol jibda meta jkunu ħarġu l-permessi kollha meħtieġa.

Seduta 252
26/06/2024

**ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI – FORNITURI TAS-SERVIZZ LIĊENZJATI**

**20164. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jelenka l-fornituri kollha tas-servizz liċenzjati skont l-Att dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani?

19/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li l-lista li l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani (OPSA) tilliċenzja, ser titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Din il-lista qed tirreferi għall-fornituri kollha tas-servizz liċenzjati skont l-Att dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani (OPSA).

Seduta 252
26/06/2024

**AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL LIĊENZJAR**

**20165. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani għandhiex applikazzjonijiet pendenti għal-liċenzjar biex topera kwalunkwe servizz marbut mal-kura ta' persuni anzjani? Jekk iva, jista' jagħti informazzjoni dettaljata dwar kull applikazzjoni pendenti?

19/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani, bħalissa ma għandha l-ebda liċenzja pendenti.

Seduta 252
26/06/2024

**AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI – LIĊENZJI SOSPIŻI/REVOKATI**

**20166. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani għandhiex liċenzji sospiżi u revokati bħalissa? Jekk iva, jista' jagħti dettalji tal-liċenzji li ġew sospiżi jew revokati u f'kull każ, ir-raġuni jew raġunijiet għaliex il-liċenzja ġiet sospiża jew revokata?

19/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor, Interpellant li l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani, bħalissa ma għandha l-ebda liċenzji sospiżi jew revokati.

Seduta 252
26/06/2024

**DJAR TAL-ANZJANI PRIVATI - SODOD MIXTRIJA MILL-GVERN**

**20167. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista aġġornata tad-djar tal-anzjani privati f'Malta u f'Għawdex li l-Gvern għandu ftehim magħhom għal xiri ta' sodod mill-Gvern?

19/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità għandha ftehim ma' djar tal-anzjani privati f'Malta biss u mhux f'Għawdex, hekk kif spjegat mill-informazzjoni li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 252
26/06/2024

**IL-MELLIEĦA – DAR RESIDENZJALI – KAŻ TA' SUWIĊIDJU**

**20172. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'wassal biex fil-25 ta' Mejju 2024, seħħ suwiċidju ta' anzjan li kien jirrisjedi fid-Dar Residenzjali tal-Mellieħa? Jista' jgħid ukoll jekk saritx investigazzjoni separata minn dik tal-Pulizija u jekk iva, x'kien l-eżitu ta' din l-investigazzjoni? Jekk le, għaliex ma nħassitx il-ħtieġa li ssir din l-investigazzjoni?

20/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li mill-investigazzjonijiet li saru mill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Kommunitá (AACC) u l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani (OPSA), irriżulta li ma kien l-ebda nuqqas fil-kura, attenzjoni u servizz li l-anzjan kien qed jingħata.

Seduta 252
26/06/2024

**L-ISKOLA NAZZJONALI TAL-ISPORT - KRITERJA MEĦTIEĠA GĦAD-DĦUL**

**20178. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji meħtieġa biex persuna tidħol fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport? Jista' jipprovdi d-dettalji kollha relatati mal-proċess biex student jintgħażel biex jidħol f'din l-istess skola?

20/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 252
26/06/2024

**KUNSILLI LOKALI JEW KUMITATI REĠJONALI - SKEMI TA' FONDI ADDIZZJONALI MIFTUĦA**

**20179. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema skemi ta' fondi addizzjonali lill-Kunsilli Lokali jew Kumitati Reġjonali huma miftuħa bħalissa? Jista' jgħid ukoll min jista' japplika għal kull waħda minn dawn l-iskemi?

20/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li bħalissa hemm miftuħa l-iskema (SPI/SCI/04/2024) - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Għal dan il-fond huma eleġibbli li japplikaw dawk il-Kunsilli Lokali li fil-lokalità tagħhom ġie mwettaq proġett mill-Gvern Ċentrali mis-sena 2013 'l hawn.

Seduta 252
26/06/2024

**KUNSILLI LOKALI JEW KUMITATI REĠJONALI - SKEMI TA' FONDI ADDIZZJONALI MAGĦLUQA**

**20180. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema skemi ta' fondi addizzjonali lill-Kunsilli Lokali jew Kumitati Reġjonali għalqu l-applikazzjonijiet għalihom u għadhom qegħdin jiġu aġġudikati? Jista' jgħid ukoll liema kunsilli lokali jew kumitati reġjonali applikaw għal kull waħda minn dawn l-iskemi?

20/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li hemm erba' skemi ta' fondi addizzjonali lill-Kunsilli Lokali / Kumitati Reġjonali li għalqu l-applikazzjonijiet għalihom u għadhom qegħdin jiġu aġġudikati, dawn huma:

- SPI/SCI/02/2024 - Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi
- SPI/SCI/03/2024 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar Nodfa
- SPI/SCI/05/2024 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025 (aġġudikata u qed nistennew l-approvazzjonijiet neċessarji)
- SPI/SCI/06/2024 - Community Inclusive Employment Scheme (CIES)

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-tabella miġbura u mgħoddija lili li turi l-Kunsilli Lokali / Kumitati Reġjonali li applikaw għal kull waħda minn dawn l-iskemi.

Seduta 252
26/06/2024

**KUNSILLI LOKALI JEW KUMITATI REĠJONALI - SKEMI TA' FONDI ADDIZZJONALI MHUX IMWETTQA**

**20181. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema skemi ta' fondi addizzjonali lill-Kunsilli Lokali jew Kumitati Reġjonali ġew aġġudikati iżda għadhom ma twettqux jew ma tlestewx? Jista' jgħid ukoll liema kunsilli lokali jew kumitati reġjonali kkwalifikaw għal kull waħda minn dawn l-iskemi?

20/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li hemm tnax -il skema ta' fondi addizzjonali lill-Kunsilli Lokali / Kumitati Reġjonali li ġew aġġudikati iżda għadhom ma twettqux / ma tlestewx, dawn huma:

- SPI/SCI/03/2020 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Aċċessibilità u Mobilità
- SPI/SCI/06/2020 - Finanzjament għall-Krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex

- SPI/SCI/02/2021 - Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex
- SPI/SCI/07/2021 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
- SPI/SCI/08/2021 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Aċċessibilità u Mobilità

- SPI/SCI/01/2022 - Finanzjament għal-żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex
- SPI/SCI/05/2022 - Finanzjament għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex
- SPI/SCI/06/2022 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
- SPI/SCI/09/2022 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom
- SPI/SCI/10/2022 - Espressjoni ta' Interess - ¯vilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex

- SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati
- SPI/SCI/05/2023 - Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-tabella miġbura u mgħoddija lili li turi l-Kunsilli Lokali / Kumitati Reġjonali li applikaw għal kull waħda minn dawn l-iskemi.

Seduta 252
26/06/2024

**SKEMI GĦAL MEZZI TA' SIGURTÀ FIL-LOKALITAJIET**

**20182. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul l-aħħar sena, inħarġux skemi għal mezzi ta' sigurtà fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex? Jekk iva, min applika għal dawn l-iskemi u min ikkwalifika?

20/06/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li permezz tal-Aġenzija LESA, ġew fis-seħħ żewġ skemi sabiex isiru proġetti fil-lokalitajiet fosthom għas-sigurtà. Kull lokalità tista tibbenifika sa massimu ta' tmenin elf ewro, fejn kull skema tkopri perjodu ta' tlett snin. Permezz ta' dawn l-iskemi ġie assigurat fond ta' mhux inqas minn sitt (6) miljun ewro, li ġew imqassma kif ġejjin:

Skema 1 – 2021-2023
Fond allokat - ta' mhux inqas minn 3 miljuni maqsuma fuq 3 snin,kif ukoll ingħataw total ta' 60 Proġett, lis-segwenti Kunsilli:

Il-Belt Valletta (Città Umilissima), Il-Birgu (Città Vittoriosa), L-Isla (Città Senglea), Bormla (Città Cospicua), Ħal Qormi (Città Pinto), Ħaż-Żabbar (Città Hompesch), Is-Siġġiewi (Città Ferdinand), Iż-Żejtun (Città Beland), Ħ'Attard, Birkirkara, Ħad-Dingli, Il-Fgura, Il-Furjana, Fontana, Il-Gudja, Għajnsielem, L-Għarb, L-Għasri, Ħal Għaxaq, Il-Ħamrun, Il-Kalkara, Ta' Kerċem, Ħal Lija, Ħal Luqa, Il-Marsa, Marsaskala, Marsaxlokk, Il-Mellieħa, Il-Mosta, L-Imqabba, L-Imsida, Il-Munxar, In-Nadur, In-Naxxar, Paola, Pembroke, Il-Qrendi, Ir-Rabat (Malta),Ħal Safi, San Ġiljan, San Ġwann, San Lawrenz, Ta' Sannat, Santa Luċija, Tas-Sliema, Is-Swieqi, Ta' Xbiex, Ħal Tarxien, Ix-Xagħra, Ix-Xewkija, Ix-Xgħajra, Iż-Żebbuġ (Għawdex), Iż-Żurrieq, L-Imtarfa, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Reġjun Għawdex, Reġjun Nofsinhar, Reġjun Xlokk / Port, Reġjun Ċentru /Lvant, Reġjun Punent

Skema 2 – 2024-2026
Fond allokat – ta' mhux inqas minn 3 miljuni maqsuma fuq 3 snin, kif ukoll fl-ewwel sena tagħha, (2024), ingħataw 32 proġett ieħor, lis segwenti Kunsilli:

Il-Belt Valletta (Città Umilissima), Il-Birgu (Città Vittoriosa), L-Isla (Città Senglea), Bormla (Città Cospicua), Ħal Qormi (Città Pinto), Ħaż-Żabbar (Città Hompesch), Ħ'Attard, Ħal Balzan, Birkirkara, Birżebbuġa, Il-Furjana, Għajnsielem, Il-Kalkara, Ta' Kerċem, Ħal Kirkop, Ħal Lija, Ħal Luqa, Marsaxlokk, Il-Mellieħa, Il-Mosta, Paola, Il-Qala, Il-Qrendi, Ħal Safi, Santa Luċija, Santa Venera, Ħal Tarxien, Ix-Xagħra, Ix-Xewkija, Iż-Żebbuġ (Għawdex), Iż-Żurrieq, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Il-Kunsilli li għażlu li minn dawn il-fondi jkunu f'diversi proġetti speċifikament ta' sigurtà, hekk kif sottomessi mill-Kunsilli Lokali, li huma s-segwenti:

| Sena | Lokalità | Ammont |
|---|---|---|
| 2021 | Ħamrun | € 12,000 |
| 2021 | Imsida | € 16,000 |
| 2021 | Mellieħa | € 16,500 |
| 2021 | Xagħjra | € 4,600 |
| 2022 | Marsaxlokk | € 19,000 |
| 2023 | Reġjun Punent | € 80,000 |
| 2023 | Pembroke | € 8,000 |
| 2023 | Valletta | € 45,000 |
| 2024 | Isla | € 13,500 |
| 2024 | Floriana | € 22,000 |
| 2024 | Mellieħa | € 15,600 |

Fl-istess waqt, saru numru sostanzjali ta' proġetti ta' tisbiħ li jlaħħqu nofs miljun ewro, li permezz tagħhom jkun hemm żieda ta' dwal, sabiex ikompli naqqsu l-abbuż f'ċertu żoni, fosthom:

| **Lokalità** | **Ammont** |
|---|---|
| Valletta | €80,000 |
| Żabbar | €70,000 |
| Bormla | €40,000 |
| San Ġwann | €70,000 |
| Rabat | €48,000 |
| San Ġiljan | €62,000 |
| Għarb | €40,000 |
| Mosta | €80,000 |

Dan il-fond ser jibqa' miftuħ fis-snin li ġejjin, fejn il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu japplikaw bil-proġetti tagħhom.

Seduta 252
26/06/2024

**SKEMI GĦAL MEZZI TA' SIGURTÀ FIL-LOKALITAJIET**

**20183. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jinħarġu skemi għal mezzi ta' sigurtà fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex? Jekk iva, jista' jgħid min se jkun jista' japplika għal dawn l-iskemi u meta hu mistenni li jinħarġu dawn l-iskemi?

20/06/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20182.

Seduta 252
26/06/2024

**MINISTERU TAS-SAĦĦA – TNEĦĦIJA TAL-QTATES MILL-ISPTAR MATER DEI**

**20204. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx sar ftehim mal-Ministeru tas-Saħħa biex jitneħħew il-qtates mill-Isptar Mater Dei u jitpoġġew f'kamra fil-Kalkara? Jista' jgħid x'kien eżatt dan il-ftehim? Jista' jgħid ukoll x'se jagħmel issa b'dawn il-qtates peress li l-istess voluntiera li qed jieħdu ħsieb dawn il-qtates qed jiġu mġiegħla jbattlu l-post?

21/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ma sar l-ebda ftehim mal-Ministeru responsabbli mis-Saħħa biex jitneħħew il-qtates mill-Isptar Mater Dei. Il-qtates tneħħew min għaqda mhux volontarja li talbet l-għajnuna lill-Ministeru li jien tiegħu responsabbli sabiex jipprovdi post temporanju għal perjodu qasir fejn jinżammu sakemm jiġu rilokati.
Filwaqt li min qed juża l-post illum ma kellux l-awtorizżazzjoni sabiex jużah, il-Ministeru qiegħed jgħin sabiex jinstab post alternattiv.

Seduta 252
26/06/2024